MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2009

Numru 335/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR PRISCILLA CARUANA**
**VS**
**MATTHEW CASSAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Matthew Cassar, iben Carmelo u Maria nee' Camilleri, imwieled il-Marsa fis-6 ta' Marzu, 1977, residenti numru 36, 'Wild Rose', Triq l-Imnarja, Birzebbugia u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru 140177(M).

Illi huwa akkuzat talli fil-15 ta' Awissu 2008 ghall-habta tas-1:30a.m. fi Triq il-Bajja s-Sabiha, Birzebbugia;

1) Bil-hsieb li jaghmel ferita ta' natura gravi fuq numru ta' persuni, urejt dan il-hsieb b'atti esterni u tajt bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, meta saq fid-direzzjoni ta' l-istess persuni bil-vettura ta' l-ghamla Opel

Astra bin-numru ta' registrazzjoni ABP 348, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali jew indipendenti mill-volonta' tieghu;

2) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi saq il-vettura Opel Astra bin-numru ta' registrazzjoni ABP 348 b'manjiera perikoluza u traskurata u b'velocita' eccessiva;

3) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'Ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi gibt fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-Ligi;

4) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba tieghu kkaguna lil haddiehor biza' li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta' taghhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat fil-verbal datat 20 ta' Mejju 2009;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat, Matthew Cassar, hati skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 41, 216, 338ee u 251A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15(2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta; Artikolu 7 tal-

Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' tlett snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il-piena giet akkordata in vista tal-fatt illi l-imputat ghamel apologija piena lil Pulizija fil-prezenza tal-Qorti, in vista ta' l-ammissjoni bikrija tieghu u in vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz fejn l-imputat kien ghadu kemm ghadda minn sitwazzjoni pjetuza hafna fil-familja zghira tieghu, inkluz il-mewt ta' tarbija, wiehed minn tewmin. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi t-tarbija li ghexet tirrikjedi nterventi medici ta' sikwit u ghaldaqstant ma tarax li jkun ghaqli illi tinfliggi xi sospensjoni ta' licenza ta' sewqan ta' l-imputat (ara Dok.A – certifikat mediku).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------